ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

28 FEB 2024

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 593**

**Il-Erbgħa 21 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fit-8.15 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**593.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

593.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sinjuri Mark Grech, Angelo Scicluna, Angel Gwyn Louisielle Camilleri u Joseph Agius fejn talbu li jkun skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku u s-Sinjuri Mark Grech, Angelo Scicluna, Angel Gwyn Louisielle Camilleri u Joseph Agius ikunu skużati.

**593.2 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2023**

593.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex jiġu approvati l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena Finanzjarja 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji mill-1 ta' Jannar, 2023 sal-31 ta' Diċembru, 2023. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament dawn l-Istqarrijiet Finanzjarji.

593.2.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.20 ta' filgħodu.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-595 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Frar, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku